MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 16/2006/1

**Anthony Agius**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors ta' Anthony Agius li jghid hekk

Illi l-esponent gie notifikat b'att gudizzjarju datat 13 ta' Lulju 2006 mibghut lill-intimat fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas lill-esponenti ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 19/20, Triq Hanover, Bormla huwa ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) skond l-istima li hemm mehmuza mal-Avviz tal-Gvern numru 254 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Marzu 2005, liema stima saret mill-Perit Arkitett Joseph Mizzi A&CE.

Illi bil-prezenti l-esponenti qed jikkontesta l-ammont ta' kumpens offrut fl-imsemmi Avviz numru 254 u qed jitlob kumpens ta' hamsa u erbghin elf lira Maltin (Lm45,000) a bazi ta' stima mhejjija mill-Perit Arkitett Etienne Magri A&CE hawn mehmuza (Dok A).

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna li jigi rivedut u mizjud il-kumpens li huwa intitolat ghalih l-esponenti minghand l-awtorita' kompetenti ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru dsatax u ghoxrin (19/20) Triq Hanover Bormla proprjeta tal-esponenti u ghalhekk jiffissa l-kumpens ai termini tar-rappot imhejji mill-Perit Etienne Magri A&CE, inkarigat mill-esponenti li ddikjara li l-valur tal-fond inkwistjoni huwa ta' hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45,000). Konsegwentement jigi nnominat Nutar Pubbliku sabiedx jippublika l-att relattiv f'dak il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghal eventwali kontumaci fuq l-att, u jaghti l-provedimenti kollha mehtiega u opportuni skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-imghax legali.

Ra wkoll ir-risposta tad-Direttur tal-Artijiet li jghid hekk:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-awtorita' kompetenti ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 19/20 Triq Hanover, Bormla u qeghdin jippretendu illi l-kumpens gust ghandu jkun dak ta' hamsa u erbghin elf lira Maltin (Lm45,000)

Illi l-esponent qieghed jibqa' jsostni illi l-valur gust tal-art huwa dak citat, u cioe', l-ammont ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) u dan skond l-ammont li gie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Marzu 2005 permezz tal-

Avviz numru 254 u li l-valur gie stabillit mill-perit arkitett Joseph Mizzi A&CE.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) bhala l-kumpens gust ghall-espropriazzjoni tal-fond fuq imsemmi.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi l-perit arkitett inkarigat mir-rikorrenti xehed illi l-fond in kwistjoni huwa "townhouse f'kantuniera" li hu iqis li ghandha valur ta' hamsa u erbghin elf lira maltin.

Illi l-Bord kien assistit f'din il-materja mill-perit arkitett Godfrey Vella u l-perit arkitett David Pace u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b'mod unanimu hekk:

"... bhala rizultat huma tal-opinjoni illi il-proprjeta' in kwistjoni ghandha tigi meqjusa bhala fabbrikabbli ghal finijiet tal-ligi, u li l-valur tal-istess proprjeta' bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' hamsa u erbghin elf lira maltin (Lm45,000) jigifieri mija w erba t'elef tmien mija wiehed u ghoxrin ewro u tmenin ewrocentezmu (E 104,821.80) "

Ghalhekk il-Bord, in vista tal-valur unanimu da parti tal-membri teknici, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent kwantu t-talba tieghu biex jiffissa l-valur gust u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilu ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fondi 19 w 20 Triq Hanover, Bormla, fl-ammont ta' mija w erba t'elef tmien mija wiehed u ghoxrin ewro u tmenin ewro centezmu (E 104,821.80) oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

Il-Bord jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti kwantu dan talab lill-Bord jordna l-publikazzjoni tal-att relattiv ghall-akkwist ta’ dan il-fond;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------